Co-funded by
the European Union

youthIES

# Training Pack for Youth Workers







friends of the earth malta

Institute of Entrepreneurship Development iED

RESET

réseau tandem plus

Education Agency for Development and Innovation IDEA

SOCIAL ENTERPRISES

Co-funded by the European Union

**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ**

**Modulu:** Intraprenditorija Soċjali

WERREJ


INTRODUZZJONI ........ 3
EŻITI TAT-TAGĦLIM ........ 4
L-I KAPITLU: INTRODUZZJONI GĦALL-INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI ........ 5
1.1 Id-Definizzjoni ta' Intraprenditorija Soċjali ........ 5
1.2 L-Irwol tal-Intrapriżi Soċjali fis-Soċjetà ........ 6
1.3 Għeruq Storiċi u Żvilupp ........ 8
IT-II KAPITLU: Il-Bini u l-Gradazzjoni tal-Intrapriżi Soċjali ........ 9
2.1. L-Identifikazzjoni u d-Definizzjoni ta' Problemi Soċjali ........ 9
2.2. Il-Ħolqien tal-Ideat u l-Innovazzjoni fl-Intraprenditorija Soċjali ........ 10
2.3. L-Iżvilupp ta' Mudell ta' Negozju għall-Intraprenditorija Soċjali ........ 11
IT-III KAPITLU: Considerations Sfidi u Kunsiderazzjonijiet Etiċi ........ 12
3.1. Dilemmi Etiċi fl-Intraprenditorija Soċjali ........ 12
3.2. Il-Bilanċ bejn il-Profitti u l-Impatt Soċjali ........ 13
3.3. L-Oqsfa Legali u Regolatorji ........ 14
SOMMARJU/KONKLUŻJONIJIET ........ 15

Co-funded by
the European Union

# INTRODUZZJONI

Merħba għall-modulu tal-intraprenditorija soċjali tal-proġett YouthIES. F'dan il-modulu, se nibdew il-vjaġġ eċċitanti tad-dinja tal-intraprenditorija soċjali li tilgħab parti vitali fit-trasformazzjoni tal-ekonomija li l-Unjoni Ewropea u l-bqija tad-dinja qed jaħdmu għaliha.

L-intraprenditorija soċjali fl-ekonomija tas-seklu 21 hija forma altruwista tal-intraprenditorija u hi differenti mill-mudelli tal-aħħar seklu, fejn tpoġġi lill-intraprenditur fiċ-ċentru tal-ekonomija u tarah jew taraha bħala xprun essenzjali għat-trasformazzjoni soċjali u l-innovazzjoni.

Fi kliem sempliċi, l-intraprenditorija ssir intrapriża soċjali meta titrasforma l-kapital soċjali b'tali mod li jaffettwa pożittivitament lis-soċjetà. L-intraprendituri soċjali jirrikonoxxu l-problemi soċjali immedjati, imma jifhmu wkoll il-kuntest aktar wiesa', filwaqt li ma jinsewx il-ġenerazzjoni tal-profitti biex b'hekk imantnu s-sostenibbiltà finanzjarja tal-impriża.

Dan hu mudell ekonomiku interessanti ferm, kif ukoll mudell li ekonomiji fil-Punent huma impenjati għalih għall-iżvilupp sostenibbli tas-soċjetajiet tagħhom.

Co-funded by the European Union

EŻITI TAT-TAGĦLIM

Sal-aħħar ta' dan il-modulu, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ se jkunu jistgħu:

- Jifhmu u jippreżentaw il-kunċett ta' intraprenditorija soċjali.
- Jifhmu l-impatt pożittiv ta' dan il-mudell ta' negozju.
- Jipprovdu liż-żgħażagħ b'ħarsa ġenerali storika fuq l-oriġini u l-iżvilupp tagħha.
- Joffru linji gwida għall-identifikazzjoni tal-problemi soċjali.
- Jiġġeneraw soluzzjonijiet innovattivi għal dawn il-problemi.
- Jiggwidaw liż-żgħażagħ biex jiddefinixxu mudelli ta' intraprenditorija soċjali.
- Jifhmu d-dilemmi etiċi tal-intraprenditorija soċjali.
- Jifhmu l-linji gwida għall-bilanċ fil-profitti.
- Jifhmu l-qafas legali tal-intraprenditorija.

REFERENZI GĦAL POLITIKI TAL-UE

Statut tal-Intrapriżi Soċjali u Solidali:
https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2018-0317_ES.pdf

Fondos de Emprendimiento social europeos
https://eur-lex.europa.eu/ES/legal-content/summary/european-social-entrepreneurship-funds.html

Programmi u Fondi tal-UE: L-UE stabbilixxiet diversi programmi u fondi biex jappoġġjaw l-intraprenditorija soċjali. Il-Programm t'Impjieg u Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-Fond Soċjali Ewropew (ESF) huma eżempji ta' strumenti li jappoġġjaw inizjattivi ta' intraprenditorija soċjali fuq livell Ewropew: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=es&catId=1081

Co-funded by the European Union

# L-I KAPITLU: INTRODUZZJONI GĦALL-INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI

## 1.1 Id-Definizzjoni ta' Intraprenditorija Soċjali

L-intraprenditorija soċjali hija mod ta' kif jiġu indirizzati problemi soċjali jew ambjentali billi wieħed japplika prinċipji ta' negozju sabiex joħloq soluzzjonijiet sostenibbli. Din tista' titwettaq minn intraprenditur jew minn kumpanija tradizzjonali li toffri prodotti jew servizzi.

Il-fattur determinanti huwa li l-għan ewlieni huwa li jiġu solvuti problemi li għandha s-soċjetà: il-ġuħ, l-inugwaljanzi, l-esklużjoni soċjali, l-edukazzjoni, is-saħħa, u l-bidla fil-klima, fost oħrajn. Il-prodotti jew servizzi jridu jipprovdu soluzzjoni għal waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi.

Id-differenza primarja b'politika ta' Responsabbiltà Soċjali tal-Intrapriżi (CSR) huwa li din tiġi implimentata minn kumpanija li l-fok jew mudell ta' negozju tagħhom mhux wieħed ta' natura soċjali. Fi kliem ieħor, dawn ikunu kumpaniji li mhux neċessarjament joffru soluzzjonijiet għal problemi soċjali, iżda jikkontribwixxu parti mill-profitti tagħhom lil kawżi soċjali.

Intraprenditur soċjali huwa aġent ta' bidla li jara opportunitajiet, bżonnijiet, u nuqqasijiet, u jipprova jiġġenera titjib fl-ambjent tagħhom. Barra minn hekk, huwa jkun innovattiv, jistabbilixxi għanijiet, u jaħdem biex jilħaqhom.

Intraprenditur soċjali huwa persuna b'inizjattiva, onestà, dixxiplina, perseveranza, lest li jieħu riskju, responsabbli, b'tolleranza għall-inċertezza, l-opportunità, li hu deċiżiv, u ffukat fuq għanijiet. Barra minn hekk, huwa jara opportunitajiet fejn ħaddieħor jara biss problemi.

Il-kapital li hemm bżonn għal din it-tip t'impriża hu:

- Ekonomiku: importanti għat-tisħiħ ta' kwalunkwe proġett.
- Konjittiv: għarfien tal-problema.
- Soċjali: assoċjazzjoni man-netwerks u l-aġenziji li joffru għajnuna kollha u li jkabbar l-impriżi.
- Simboliku: valuri tal-intraprenditorija li jkunu f'konformità mas-sħab sabiex l-intraprenditorija tiġi rikonoxxuta.

Intrapriżi soċjali ma jiġux waħidhom, iżda f'netwerk, għaliex dan huwa l-mod li kulħadd inkun involut fil-benefiċċji tal-proġett. Dan huwa għala huwa importanti li wieħed jaħseb b'mod kollettiv. Is-suċċess għal impriża tan-negozju jiġi kkalkulat mill-profitti, filwaqt li f'waħda soċjali l-aktar ħaġa importanti huwa l-impatt li din tħalli fuq il-komunità. Ovvjament, il-parti ekonomika hija importanti sabiex il-proġett ikun sostenibbli u jiġġenera benefiċċji pożittivi, imma l-importanza aħħarija tinsab fil-kontribut soċjali li dan joffri.

Intrapriża soċjali trid tieħu ħsieb ta':

- L-impatt: tidentifika l-problemi tal-popolazzjoni u x'benefiċċji se tieħu.
- Tkun sostenibbli: l-intenzjoni ta' intrapiża huwa li tmantni lilha nnifisha matul iż-żmien.

- Li tagħmel il-profitt: ma nistgħux ninsew il-parti ekonomika tas-sopravivenza tagħna.

Intrapriżi soċjali jistħu jkunu allinjati ma' ekonomija soċjali u solidali billi jkunu inklussivi, ifittxu relazzjoni ta' ħidma xierqa u li joffru appoġġ, billi jpoġġu l-persuna fiċ-ċentru tal-mudell ta' negozju tagħhom, billi jimmasimizzaw il-benefiċċju soċjali tal-persuni, filwaqt li jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-profitti u s-sostenibbiltà tal-kumpaniji.

Hemm żewġ tipi ta' intraprenditorija soċjali distinti li jistgħu jiġu elenkati jekk inħarsu lejn is-sors tal-finanzjament tagħhom. Cioè, minn fejn ġejjin il-flus biex ikunu jistgħu jwettqu l-operat tagħhom.

F'dan is-sens, nistgħu niddistingwu bejn dawn it-tnejn:

Dipendenti: Dawn il-proġetti huma ffinanzjati minn istituzzjonijiet lil hinn mill-intraprenditur jew il-kumpanija. Dawn jistgħu jkunu pubbliki jew privati u huma responsabbli biex jissusidjaw l-azzjonijiet qabel jirċievu kwalunkwe tip ta' qligħ.

Indipendenti: Dawn jiġu ffinanzjati mill-kumpanija nnifisha permezz tal-azzjonijiet li twettaq.

Fil-qosor, l-intraprenditorija soċjali timmira li takkwista qligħ ekonomiku derivat minn azzjonijiet jew proposti mmexxija 'l quddiem sabiex tissolva problema soċjali. M'għandna qatt ninsew ir-responsabbiltà li nħaddnu lejn is-soċjetà li l-proġett tagħna għandu fil-mira tiegħu.

## 1.2 L-Irwol tal-Intrapriżi Soċjali fis-Soċjetà

L-irwol tal-ekonomija soċjali fl-Unjoni Ewropea huwa importanti ħafna. Dan jammonta għal 10% tal-ekonomija Ewropea u jimpjega aktar minn 11-il miljun ħaddiema, cioè 4.5% tal-ħaddiema tal-Unjoni Ewropea.

Fil-Finlandja, dan il-persentaġġ jitla' għal 7.5% tal-popolazzjoni ta' ħaddiema, 5.7% fir-Renju Unit, 5.4% fl-Islovenja, 4.1% fil-Belġju, eċċ. Wieħed minn kull erba' negozji li jiġu maħluqa fl-Unjoni Ewropea, u wieħed minn kull tliet negozji fil-Finlandja, huma intrapriżi soċjali.

U billi jirrispondu permezz t'innovazzjoni soċjali għal bżonnijiet li għadhom ma ġewx sodisfatti, l-intrapriżi soċjali huma parti minn tkabbir intelliġenti. Billi jikkunsidraw l-impatt ambjentali u billi mill-konċepiment tagħhom għandhom viżjoni fit-tul, huma jiġġeneraw tkabbir sostenibbli. Barra minn hekk, billi huma jitfgħu enfasi speċjali fuq in-nies u l-koeżjoni soċjali, l-intrapriżi soċjali huma fil-qalba tat-tkabbir inklussiv, u joħolqu impjiegi sostenibbli għan-nisa, għaż-żgħażagħ, u għax-xjuh.

Fost oħrajn, l-irwol tal-intraprenditorija soċjali fis-soċjetà jinkludi:

- Li tkun intrapriża bil-benesseri tal-komunitajiet u s-soċjetà fl-intier tagħha fil-mira tagħha.
- Li toffri soluzzjonijiet innovattivi għal problemi soċjali.
- Li jkollha tim ta' mmaniġġjar responsabbli u impenjat.

- Huma jfittxu soluzzjonijiet sostenibbli li jistgħu jiġu mantnuti finanzjarjament fit-tul.
- Jinvolvu l-komunità fil-proċess tal-iddisinjar u l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet.
- L-impatt tagħhom jista' jiġi kkalkulat. Huma jiffukaw fuq eżiti sabiex ikejlu kemm l-impatt soċjali u dak ekonomiku.
- Huma jrawwmu kollaborazzjoni bejn diversi atturi, bħal negozji, entitajiet li ma jagħmlux profitt, gvernijiet, u s-soċjetà ċivili.
- Huma jippruvaw isaħħu l-komunitajiet billi jtuhom ħiliet, riżorsi, u opportunitajiet.
- Huma jippromwovu l-inklużjoni billi jindirizzaw l-inugwaljanzi u jaħdmu biex joħolqu opportunitajiet għall-aktar nies vulnerabbli.
- Huma jfittxu li jibbilanċjaw il-profittibbiltà ekonomika mal-impatt soċjali, cioè, huma jfittxu li jkunu soċjalment ta' profitt.

Huma jikkontribwixxu biex iżidu l-għarfien soċjali billi jimmobilizzaw is-soċjetà biex tipparteċipa fis-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi.

## 1.3 Għeruq Storiċi u Żvilupp

It-terminu "intraprenditorija soċjali" jew "intraprenditur soċjali" mhumiex termini ta' dan is-seklu. Dan kollu beda mill-oriġini tal-ekonomija soċjali fis-seklu dsatax, li tiddefinixxi lilha nfisha bħala attività ekonomika fejn in-nies li jaħdmu għal kumpanija mhux biss jimmiraw li jilħqu għanijiet finanzjarji iżda li jilħquhom mingħajr ma jisfruttaw jew saħansitra jeqirdu l-ambjent, waqt li din il-ħidma tkun fiha nfisha ta' sodisfazzjoni.

Matul l-istorja umana, kien hemm intraprendituri b'abbiltà inerenti li jħallu impatt fuq il-komunitajiet tagħhom. Però, huwa impossibbli li wieħed ma jsemmix żewġ pijunieri bħal Bill Drayton u Muhammad Yunus.

William Drayton (li twieled f'1943 f'New York City) huwa intraprenditur soċjali Amerikan, li l-aktar li hu magħruf huwa bħala l-fundatur ta' Ashoka, l-ikbar assoċjazzjoni fid-dinja ta' intraprendituri soċjali. Huwa minn dejjem kien marbut mal-"moviment għad-drittijiet ċivili".

Huwa magħruf bħala missier l-intraprenditorija soċjali għaliex kien hu li ħoloq dan it-terminu ta' intraprenditur soċjali sabiex jirreferi għal persuni li jaffaċċjaw—b'mod innovattiv, b'ħafna enerġija, passjoni, u tenaċità—l-aktar problemi importanti tas-soċjetajiet tagħna sabiex isolvuhom.

30 sena ilu, huwa waqqaf Ashoka, komunità ta' kważi 3,000 intraprenditur soċjali minn 70 pajjiż li jixprunaw l-aktar ideat importanti u innovattivi għat-trasformazzjoni soċjali. Ashoka tappoġġja intraprendituri soċjali biex ivaraw l-innovazzjonijiet tagħhom u jifirxuhom madwar id-dinja, u jikkollaboraw flimkien sabiex jakkwistaw l-ikbar impatt soċjali possibbli.

Muhammad juri b'mod perfett ix-xogħol ta' intraprendituri soċjali: kif idea innovattiva (li tagħti l-kreditu lil nisa foqra) tista' tikkontribwixxi biex tiġġenera bidla soċjali ta' importanza u skala globali. Fis-sebgħinijiet, il-Professur Yunus żvilupp mudell ta' mikrokreditu f'Bangladexx li biddel il-mod kif il-faqar jiġi miġġieled fid-dinja. Miljuni ta' nies ibbenefikaw mill-mikrokreditu; aktar minn 6.6 miljun mara u raġel huma klijenti tal-Grameen Bank.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, ħafna intraprendituri soċjali mxew fil-passi ta' Drayton u Yunus. Bħalissa, aktar minn 40 miljun persuna u entità madwar id-dinja jaqgħu f'din il-kategorija, skont dejta tal-B Corporation, il-korporazzjoni fl-Istati Uniti li hi responsabbli miċ-ċertifikar meħtieġ biex intraprenditur soċjali jiġi rikonoxxut li jilħaq il-kundizzjonijiet kollha biex jiġi meqjus bħala tali.

# IT-II KAPITLU: Il-Bini u l-Gradazzjoni tal-Intrapriżi Soċjali

## 2.1. L-Identifikazzjoni u d-Definizzjoni ta' Problemi Soċjali

Hemm ħafna tipi ta' problemi soċjali, però, għal raġunijiet prattiċi, nistgħu nikklassifikawhom f'dawn il-kategoriji li ġejjin:

- Aċċess mhux ugwali għall-edukazzjoni
- Qgħad fost iż-żgħażagħ
- Aċċess limitat għas-servizzi tas-saħħa
- Nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli
- Dominazzjoni ambjentali
- Inugwaljanza fost il-ġeneri
- Il-ġuħ u malnutrizzjoni
- Aċċess limitat għal ilma nadif
- Spostament u migrazzjoni
- Disrkiminazzjoni u esklużjoni soċjali

L-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' bżonnijiet soċjali huwa aspett kruċjali tal-intraprenditorija soċjali. Aħna għandna bżonn nifhmu l-popolazzjoni fil-mira ta' dan l-eżerċizzju kif ukoll l-isfidi uniċi tagħhom, għaliex dawn huma l-kawżi aħħarija tal-intraprenditorija soċjali.

Interaġġixxi mal-komunità: Biex din l-analiżi tħalli l-frott, huwa neċessarju li tinteraġġixxi mal-komunità affettwata bil-problema partikolari. Wieħed jista' jinteraġġixxi permezz ta' stħarriġ, gruppi lokali, u intervisti fuq bażi personali, eċċ. Informazzjoni diretta dwar l-esperjenzi tagħhom, perspettivi, u prijoritajiet.

Kollaborazzjoni mal-partijiet interessati: L-indirizzar ta' bżonnijiet soċjali ħafna drabi jirrikjedi l-kollaborazzjoni ta' numru ta' partijiet interessati diversi. Dawn jinkludu aġenziji governattivi, organizzazzjonijiet, entitajiet li ma jagħmlux profitt, negozji, u entitajiet ibbażati fil-komunità, eċċ. Aħna rridu nibnu sħubiji u naħdmu flimkien sabiex nipproduċu soluzzjonijiet aktar komprensivi u li jħallu impatt.

Il-prijoritizzazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli: Biex tħalli impatt li jdum, soluzzjonijiet sostenibbli li jindirizzaw l-għeruq tal-kawżi ta' bżonnijiet soċjali jridu jiġu prijoritizzati. Cioè, is-soluzzjoni trid tkun finanzjarjament sostenibbli fit-tul u, fl-istess waqt, tipprovdi bidla sostenibbli fis-soċjetà.

Co-funded by
the European Union

## 2.2. Il-Ħolqien tal-Ideat u l-Innovazzjoni fl-Intraprenditorija Soċjali

"Il-ħolqien tal-ideat" (*ideation*) huwa l-proċess tal-ħsieb, produzzjoni, u l-komunikazzjoni tal-ideat. Dan il-proċess jista' jseħħ fuq livell individwali jew dak ta' organizzazzjoni. Frekwentament organizzazzjonijiet jiskedaw sessjonijiet ta' ħolqien t'ideat sabiex isaħħu innovazzjonijiet u jsibu soluzzjonijiet sostenibbli u effettivi. Dan huwa proċess dinamiku li fih kull parteċipant jikkontribwixxi l-kontribuzzjonijiet rispettivi tiegħu.

L-iskambju ta' ħsibijiet, opinjonijiet, twemmin, u għanijiet. Il-problema tiġi diskussa u soluzzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-intraprenditorija soċjali jiġu proposta.

Dan huwa proċess li jwassal għal ħafna arrikkiment għaliex kull membru jista' jara l-problema u s-soluzzjoni b'mod differenti.

Permezz ta' gruppi ta' ħidma li jaħdmu bħala tim, huwa possibbli li wieħed jista' jakkwista benefiċċji u vantaġġi kompetittivi li ma jistgħux jinkisbu individwalment.

- Soluzzjonijiet diretti: strateġiji diretti u li jsolvu l-problemi.
- Ideat derivati: dawn jintużaw biex itejbu idea eżistenti.
- Ideat simbjotiċi: amalgamazzjoni t'ideat mhux kompletament iffurmati sabiex tiġi ffurmata soluzzjoni jew pjan wieħed fl-ambitu tal-intraprenditorija soċjali.

Il-proċess tal-ħolqien tal-ideat ħafna drabi jilħaq il-quċċata tiegħu fl-innovazzjoni u l-intraprenditorija soċjali, li huwa kruċjali biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati b'mod sostenibbli. L-innovazzjoni tista' sseħħ b'diversi modi:

- Mudelli ta' negozju *scrubber*.
- L-użu kreattiv tat-teknoloġiji biex jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjali/
- It-twaqqif ta' kollaborazzjonijiet u alleanzi strateġiċi li joħolqu sinerġiji innovattivi u li jottimizzaw ir-riżorsi.
- Disinn li jiffoka fuq l-utent fejn il-benefiċjarju aħħari jiddisinja l-proċess sabiex itejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà.
- L-identifikazzjoni ta' finanzjament innovattiv.
- Innovazzjoni soċjali miftuħa li tippromwovi l-parteċipazzjoni attiva tal-komunità sabiex tiġġenera soluzzjonijiet kreattivi u effettivi.

Għaldaqstant, l-innovazzjoni fl-intraprenditorija soċjali mhux biss tgħin fl-introduzzjoni t'ideat ġodda, iżda wkoll fl-implimentazzjoni effettiva ta' kapaċitajiet ġodda biex dawn iġibu bidla pożittiva u sostenibbli fis-soċjetà.

## 2.3. L-Iżvilupp ta’ Mudell ta’ Negozju għall-Intraprenditorija Soċjali

Biex tiżviluppa mudell ta’ negozju fi ħdan il-qasam tal-intraprenditorija soċjali, hemm bżonn ta’ kwalitajiet u ħiliet sabiex jiġi miżmum bilanċ effettiv bejn għanijiet soċjali u l-vijabbiltà fiskali tal-impriża. Hawn taħt ħa nsemmu numru ta’ passi prattiċi li wieħed jista’ jsegwi b’mod ordnat sabiex joħloq negozju b’saħħtu soċjali.

L-identifikazzjoni ta’ problema soċjali: din tiffoka fuq ir-rikonoxximent ta’ sitwazzjoni soċjali jew ambjentali li taffettwa grupp ta’ nies jew lis-soċjetà. Din hija l-problema li rridu nindirizzaw. Biex nagħmlu dan, irridu nkunu nafu l-kawżi u l-impatt preżenti fuq il-komunità. Din tirrikjedi riċerka u li wieħed ikollu konverżazzjonijiet ma’ partijiet interessati. Elenka testimonjanzi, ikkonsulta ma’ esperti, u analizza aħbarijiet fuq il-midja soċjali bħala sorsi t’informazzjoni fuq din il-problema.

Iddefinixxi l-missjoni u l-għanijiet: ladarba l-bżonn li rridu nissodisfaw ġie identifikat, il-missjoni u l-objettivi speċifi tal-intrapriżi soċjali jiġu stabbiliti. Din tiffoka fuq li tiġi definita viżjoni għat-tul kif ukoll kisbiet sinifikanti għall-futur qrib li jridu jseħħu biex b’hekk is-soluzzjoni tagħna tkun soċjalment u finanzjarjament vijabbli.

L-identifikazzjoni tal-klijenti fil-mira tagħna: Irridu nidentifikaw il-klijenti fil-mira tagħna, cioè, min huma l-benefiċjarji tas-soluzzjoni tagħna, u b’hekk fl-istess waqt nifhmu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

Riċerka tas-swieq u l-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet innovattivi: Wara dan, se nwettqu riċerka tas-swieq sabiex nevalwaw il-vijabbiltà tal-mudell. Se nanalizzaw il-kompetizzjoni u x-xejriet fis-swieq, kif ukoll opportunitajiet għat-tkabbir.

L-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw il-problema identifikata li huma prattiċi, li jistgħu jevolvu b’gradazzjoni, u li huma sostenibbli fit-tul.

Iddefinixxi l-mudell ta’ finanzjament, kif ukoll il-mudell futur ta’ qligħ.

Iddefinixxi indikaturi t’impatt speċifiċi li jistgħu jitkejlu fuq il-progress lejn l-għanijiet soċjali.

Waqqaf alleanzi u kollaborazzjonijiet ma’ organizzazzjonijiet, kumpaniji, entitajiet pubbliċi, u gvernijiet oħra sabiex issaħħaħ l-intraprenditorija.

Pjan t’implimentazzjoni: l-istrateġija tas-swieq, l-operat, ir-riżorsi umani, u kwalunkwe aspetti ewlenin oħra tal-impriża tiegħek.

Pjan ta’ komunikazzjoni: Il-komunikazzjoni tal-kisbiet u l-bżonnijiet tal-missjoni lill-partijiet interessati, kollaboraturi, donaturi, klijenti, u l-komunità inġenerali kollha.

Co-funded by
the European Union

Pjan t'evalwazzjoni kontinwa sabiex ikollok monitoraġġ tal-attivitajiet u l-impatt tagħhom.

IT-III KAPITLU: Sfidi u Kunsiderazzjonijiet Etiċi

3.1. Dilemmi Etiċi fl-Intraprenditorija Soċjali

L-intraprenditorija soċjali wkoll taffaċċja numru ta' dilemmi etiċi. Dawn id-dilemmi jistgħu jqumu minħabba n-natura binarja tal-intraprenditorija soċjali, li tfittex li ssib bilanċ bejn għanijiet finanzjarji u soċjali. Dawn li ġejjin huma xi dilemmi komuni etiċi fl-intraprenditorija soċjali:

Profittibbiltà vs Impatt Soċjali:

Dilemma: Il-prijoritizzazzjoni tal-profitt biex tiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja jew li tiffoka fuq il-massimazzjoni tal-impatt soċjali anke jekk din tfisser nuqqas fid-dħul finanzjarju?

Is-selezzjoni tal-benefiċjarji:

Dilemma: Kif se tiddeċiedi min jibbenefika minn soluzzjonijiet soċjali: tipprijoritizza dawk l-aktar fil-bżonn jew dawk li jaffordjaw iħallsu għas-servizz?

Evalwazzjoni tal-Impatt:

Dilemma: Kif tista' tkejjel b'mod preċiż u tevalwa l-impatt soċjali—huwa aktar etiku li tiffoka fuq in-numru ta' benefiċjarji jew fuq il-profondità ta' bidla fil-ħajjiet tal-ftit?

Parteċipazzjoni tal-Komunità:

Dilemma: Kif tista' tinvolvi komunitajiet affettwati fit-teħid ta' deċiżjonijiet? Tevita r-riskju ta' paternaliżmu u tiżgura parteċipazzjoni ġenwina?

Kompetizzjoni vs Kollaborazzjoni:

Dilemma: Li tikkompeti ma' organizzazzjonijiet soċjali oħra għal riżorsi u attenzjoni, jew li tikkollabora sabiex timmasimizza l-impatt kollettiv?

Trasparenza u Komunikazzjoni:

Dilemma: Kemm informazzjoni se taqsam dwar l-operat u l-isfidi interni; sa liema punt għandu jintefa' dawl fuq l-impatt pożittiv mingħajr ma jiġu maħluqa aspettattivi mhux realistiċi?

Katina ta' Provvista Etika:

Dilemma: Kif tista' tiżgura katina tal-provvista etika u sostenibbli; tipprijoritizza fornituri lokali, anke jekk l-ispejjeż huma ogħla?

L-Innovazzjoni Teknoloġika u l-Ispostament tal-Ħaddiema

Co-funded by
the European Union

## 3.2. Il-Bilanċ bejn il-Profitti u l-Impatt Soċjali

Li tibbilanċja l-benefiċċji ekonomiċi u l-impatti soċjali hija waħda mill-isfidi fundamentali għal intrapriżi soċjali. Dawn l-organizzazzjonijiet jiġġeneraw impatt pożittiv fuq is-soċjetà filwaqt li jmantnu sostenibbiltà finanzjarja. Dawn li ġejjin huma xi strateġiji biex wieħed isib bilanċ ta' suċċess:

Ċarezza fil-Missjoni u l-Valuri:

Iddefinixxi b'mod ċar il-missjoni u l-valuri tal-intrapriża tiegħek. Stabbilixxi fondazzjoni soda li se tgħin fid-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-organizzazzjoni sabiex tiżgura li kemm l-impatt soċjali u l-benefiċċji ekonomiċi huma allinjati mal-missjoni.

Mudell ta' Negozju Sostenibbli:

Żviluppa mudell ta' negozju sostenibbli li jiżgura l-ġenerazzjoni tal-qligħ filwaqt li jsostni l-ħidma għal għanijiet soċjali. Dan jista' jinkludi d-diversifikazzjonijiet ta' forom ta' qligħ, il-preżenza ta' investimenti fuq l-impatti, u l-implimentazzjoni ta' strateġiji fiskali bil-għaqal.

Kejl tal-Impatt:

Implimenta sistemi ta' kejl tal-impatt robusti sabiex effettivament tevalwa u tikkomunika l-impatt soċjali tal-attivitajiet tiegħek. Din tista' tkun strumentali biex tattira investituri, sħab, u klijenti li huma ffukati fuq missjoni partikolari.

Innovazzjoni Soċjali:

Meta wieħed jiskopri soluzzjonijiet kreattivi biex jiġu indirizzati sfidi soċjali filwaqt li jiġi ġġenerat valur ekonomiku, din trawwem innovazzjoni soċjali. L-innovazzjoni hija kruċjali fl-identifikazzjoni t'opportunitajiet li huma ta' benefiċċju kemm għas-soċjetà u għan-negozji.

Sħubijiet Strateġiċi:

Stabbilixxi alleanzi strateġiċi ma' organizzazzjoni, gvernijiet, jew kumpaniji li għandhom għanijiet simili. Ikkollabora biex issaħħaħ l-abbiltà tiegħek biex tindirizza kwistjonijiet soċjali filwaqt li toħloq sinerġiji ekonomiċi

Trasparenza u Kontabbiltà:

Inkoraġġixxi trasparenza u kontabbiltà f'kull qasam tal-intrapriża soċjali tiegħek. Meta tikkomunika b'mod miftuħ dwar kif il-finanzi jiġu mmaniġġjati u dwar kif l-impatt soċjali jiġi miksub, din tgħin biex tibni l-fiduċja fost il-partijiet interessati.

Involviment tal-impjegati:

Involvi l-impjegati tiegħek fil-missjoni u l-għanijiet tal-intrapriża soċjali. Tim involut u mmotivat jista' jkun ta' valur kbir fil-ħidma lejn bilanċ bejn profitti u impatti soċjali.

## 3.3. L-Oqsfa Legali u Regolatorji

Il-qafas legali u regolatorju għall-intraprenditorija soċjali tvarja minn pajjiż u reġjun. Hawn taħt hawn diversi aspetti li intraprendituri soċjali għandhom iqisu f'termini ta' liġijiet u regolamenti:

Il-Forma Legali:

Organizzazzjonijiet li ma Jagħmlux Profitt: Ħafna intrapriżi soċjali jiddeċiedu li joperaw bħala organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt jew bħala entitajiet simili, xi ħaġa li tista' tipprovdi benefiċċji ta' taxxa u li tagħmilhom soġġetti għal regolamenti speċifiċi relatati mal-attivitajiet karitevoli tagħhom.

Entitajiet li Jagħmlu Profitt: Xi intrapriżi soċjali joperaw bħala entitajiet li jagħmlu profitt, bħal intrapriżi soċjali jew korporazzjonijiet ta' benefiċċju, fejn dawn ifittxu bilanċ bejn għanijiet soċjali u finanzjarji.

Reġistrazzjoni u Konformità:

Rekwiżiti ta' Reġistrazzjoni: Intrapriżi soċjali jridu jirreġistraw mal-awtoritajiet governattivi relevanti, li jista' jinkludi li dawn jirreġistraw l-organizzazzjoni nnifisha, li jakkwistaw status ta' entità eżentata mit-taxxa, u li jkunu konformi mar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni ta' negozji lokali.

Konformità mat-Taxxa: Skont l-istruttura legali, intrapriżi soċjali jista' jkun li jkunu eliġibbli għal eżenzjonijiet jew deduzzjonijiet mit-taxxa. Huwa kruċjali li wieħed jifhem u jkun konformi ma' regolamenti tat-taxxa.

Rapport fuq l-Impatt Soċjali:

Trasparenza u Rappurtaġġ: Xi ġurisdizzjonijiet jirrikjedu li intrapriżi soċjali jirrappurtaw fuq l-impatt soċjali u ambjentali tagħhom. Din tista' tinvolvi rappurtaġġ regolari fuq il-metrika relata mal-missjoni u l-għanijiet tal-organizzazzjoni.

Finanzjament u Investiment:

Crowdfunding u Għotjiet: Intrapriżi soċjali ħafna drabi jiddependu fuq varjetà ta' sorsi ta' fondi, inkluż crowdfunding u għotjiet. Kunsiderazzjonijiet legali jistgħu jinkludu konformità ma' regolamenti fuq crowdfunding u aderenza mat-termini tal-għotja.

Investiment f'Impatt Soċjali: F'każijiet fejn intrapriżi soċjali qed ifittxu investiment, dawn jistgħu jesploraw għażliet ta' investiment f'impatt soċjali. Din tista' tinvolvi konformità ma' regolamenti tas-sigurtà u billi jiżguraw li l-investituri jifhmu l-għanijiet soċjali u finanzjarji.

Co-funded by the European Union

SOMMARJU/KONKLUŻJONIJIET

Bħala konklużjoni għal dan il-modulu, aħna nixtiequ nitfgħu dawl fuq il-fatt li l-intraprenditorija soċjali hija waħda mill-mudelli ekonomiċi proposti mill-Unjoni Ewropea u diversi pajjiżi fil-Punent għat-trasformazzjoni tas-soċjetà. Dan għaliex din tippromwovi soċjetà aktar inklussiva u diversa, fejn l-objettivi tan-negozju ma jkunux biss relatati mal-profitt ekonomiku iżda fejn il-bżonnijiet tas-soċjetà dejjem ikunu wkoll fil-mira.

Aħna nixtiequ nitfgħu dawl fuq il-fatt li l-intraprenditorija soċjali għandha għeruq storiċi f'inizjattivi li żviluppaw fis-seklu 20.

Dan il-mudell diġà wera lilu nnifsu bħala wieħed effiċjenti.

Aħna ninkoraġġixxu ż-żgħażagħ u l-ħaddiema żgħażagħ fl-intraprenditorija biex jippromwovu l-identifikazzjoni ta' problemi soċjali sabiex jindirizzaw b'mod innovattiv permezz tal-intraprenditorija soċjali. Aħna konvinti li l-intraprenditorija soċjali tgħin fl-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, sija f'każ ta' intraprenditorija u sija f'każ ta' ħidma f'kumpaniji li diġà huma stabbiliti u jikkontribwixxu għall-innovazzjoni soċjali.

Fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea hemm ħafna programmi favur l-intraprenditorija soċjali, u għaldaqstant ninkoraġġixxu aġenti ta' bidla lokali biex jinvestigaw opportunitajiet ta' finanzjament li jeżistu u kif jistgħu jaċċessawhom.

Aħna konvinti li jekk nużawhom bil-mod kif qed jiġu proposti, dawn se joħolqu ż-żerriegħa tal-intraprenditorija soċjali fost iż-żgħażagħ tagħna.

**Referenzi**


Fundación Telefónica. (2018). Competencias para el emprendimiento social y tecnológico.
Several Chapteers: General overview of the chapters.

Gonzalez O., Peña R., Contreras A. (2019). Politicas de Emprendiemiento en Europa,. Earthscan.
https://ojs.uv.es/index.php/IREP/article/view/16458

European commision. (2021). Social Entreprenurship Inniciative.
https://www.cairn-mundo.info/revista-las-politicas-sociales-en-europa-2018-1-page-67.htm

Yunus, M. (2007). Creating a World Without Poverty: Social Business and the Future of Capitalism. PublicAffairs.

Elkington, J., & Hartigan, P. (2008). The Power of Unreasonable People: How Social Entrepreneurs Create Markets That Change the World. Harvard Business Review Press.

Co-funded by the European Union

réseau tandemplus

youthIES

**Sħab:**

friends of the earth malta

Institute of Entrepreneurship Development iED

RESET

Education Agency for Development and Innovation IDEA

SOCIAL ENTERPRISES

Co-funded by the European Union

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]